# IL-ĦAJBU

George Cilia

**Illum il-Ħajbu tar-raħal m'għadu jidher imkien. Ħafna jistaqsu "x'sar minnu l-Ħajbu? Fejn kien joqgħod, u x'kien jagħmel fi żmienu?" Ħadd ma jaf jagħti tweġiba tajba. X'aktarx li xi spettur tad-Dipartiment tas-Saħħa ġabru fid-dar tax-xjuħ, dar li dari kienet magħrufa bħala "l-Ingieret". Id-definizzjoni li jagħti l-Miklem Malti tal-kelma "ħajbu" hi l-aħjar waħda - qasira, imma twasslek għal ħsibijiet aktar fit-tul fuq dan il-persunaġġ Malti ta' dari: Ħajbu huwa laqam ta' tallab baħnan magħruf bħala wieħed li kien jimxi qisu se jaqa' ma' kull pass, iżda fil-fatt ma jaqax.**

Fil-qalba tar-raħal kien hemm sqaq dejjaq, minsi minn kulħadd, bl-art mimlija ħofor, għadajjar u ċaflis, bla dawl elettriku u lanqas ilma ħlief għal xi lampa tal-pitrolju u l-għajn ta' l-ilma f'tarf l-isqaq. Tfal jgħajtu u jwerżqu, klieb u qtates jiġru u jinbħu l-ħin kollu tal-ġurnata. Nisa jduru minn naħa għal oħra biex jaħlu l-ħin, b'ilsienhom itaqtaq ma jaqta' xejn sa kemm fl-aħħar tfaqqa' xi ġlieda bejniethom. Waqt l-isbaħ u l-aħjar tal-ġurnata jitfaċċa l-Ħajbu fil-bieb tal-kamra waħdanija li għandu, bla serratura jew għeluq ieħor.

Malli jfiġġ fil-bieb jibdew il-mistoqsijiet: min jistaqsi lill-Ħajbu 'il fejn kien se jiġbed illum, minn jistaqsih semax il-maltemp tal-lejl ta' qabel, bil-bibien u t-twieqi jistabtu ma' kull buffura riħ, minn jistaqsih hu, sewwa sew, x'kien jismu... Ma kien iwieġeb lil ħadd. Jibqa' miexi dritt lejn il-pjazza tar-raħal minn fejn jiddeċiedi 'il fejn għandu jerħilha llum.

Kien bniedem indipendenti minn kulħadd. Kont tarah kullimkien fl-ibliet u l-irħula u fil-postijiet tal-kampanja. Ma kienx ikun imgħaġġel. Jagħżel il-ħin li jogħġob lilu meta jieqaf, iħares, ikanta, jew jorqod fuq xi bankina. Il-Ħajbu kien ġuvni, ismu mhux magħruf, qatt ma daħal għand barbier biex jaqta' xagħru jew iqaxxar il-leħja, maħmuġ, jintemm seba' pesti, umli, mitluq, bniedem misterjuż, qisu ta' barra minn hawn. Kien bniedem jippersonifika l-għażż; qatt ma ħaseb fuq xejn; qatt ma mar jirreġistra għax-xogħol għax ma riedx jaħdem lx-xogħol kien jobgħodu, kien jirrifjuta l-istess ħsieb tax-xogħol, imbasta għandu l-kuraġġ u l-ħila li jittallab biex jiekol. Nies twajba kienu jikkumpatuh u jwieżnuh. Oħrajn kienu jistmerru jħarsu lejh u kienu jkemmxu xuftejhom. Qatt ma ħabb lil ħadd u qatt ħadd ma ħabb lilu. Kien jibża' jħares lejn mara li ma jmurx iqabbadha xi swied il-qalb. Meta xi membri tal-volontarjat kienu jippruvaw jipperswaduh biex jinħasel jew ibiddel ħwejġu, x'aktarx li kien jidħak bihom u b'kull bniedem li kien jinħasel u jqum kmieni filgħodu għax-xogħol fir-raba' jew fil-barrieri.

**L-IKLA TA' KULJUM**

Għall-ħin ta' Nofs in-Nhar kien jasal wasla sa ħdejn tal-forn; jieqaf iħares lejn il-furnar b'wiċċu abjad karti bid-dqiq, bil-mara tiegħu tagħġen l-għaġina u t-tifel bil-pala f'idu jdaħħal u joħroġ il-ħobż. Ir-riħa bnina tal-ħobż lest għall-ikel taqsamlek qalbek. Il-furnar jindunа xi jrid il-Ħajbu, u fil-waqt li jiċċajta b'xi kliem, inewwillu biċċa ħobż friska. Drabi oħra kien jinġabar qrib xi ħwienet ta' l-ikel mn'ejn tkun ħierġa riħa ta' laħam jew ħut mixwi tqabbdek għaxwa. Bla ebda talba, tal-ħwienet jagħtuh xi ħaġa ta' l-ikel misrura f'karta strazza. Ħinijiet oħra jinżel lejn ix-xatt tal-Belt fejn jinġabru l-aġenti tal-proviżjon tal-ikel biex jirkupraw il-merkanzija wara li tkun għaddiet mid-dwana. Minn hawn kien idabbar affarijiet oħra ta' ħtieġa għad-dar.

Il-patrijiet Kapuċċini kellhom drawwa karitatevoli li ta' kull nofsinhar kienu jqassmu kuċċarun ministra sħuna lill-fqajrin. Il-ħabib tagħna kien jipprofitta minn din l-għotja ta' kuljum, u kien jersaq lejn il-kunvent b'bott tal-landa f'idu. Nhar ta' Ħadd il-Ħajbu kien jidħol il-knisja waqt li tkun tbattlek mill-parruċċani. Kien iħoss tkexkixa bard b'saqajh ħafjin fuq dak l-irħam, u s-sagristan ma kienx idum ma jitfgħu 'l barra mill-knisja. Imma moħħu kien jilħaqlu. F'ċerti ħinijiet tal-jum kien jaf fejn għandu jintasab; kien jaf kif joħroġ mit-tiġrib meta xi galantom għadu ħiereġ mill-ħabs kien jipprova jitrakka miegħu u jisraqlu xi ħaġa mill jkun qala'. Kien jiskartah bla ma jidher imkien għal xi jiem. Lejn is-suq tal-Belt ma kienx jersaq għax kien jibża' mill-ħafna tlalab oħra miġbura hemm mil-ħin kollu.

**Il-ĦAJBU U L-MERĦLA MOGĦOŻ.**

It-tfal ta' l-isqaq ma kinux jibżgħu mill-Ħajbu bħalma kienu jibżgħu tfal oħra li missirijiethom kienu jbeżżgħuhom bih. It-tfal ta' l-isqaq kien jaħtfu kull okkażżjpni ta' saram biex jinbxuh u jiddieħku bih. Ġrajja li baqgħet tissemma, u spiċċat ħażin, ġrat darba filgħodu, l-aħħar jum tal-Karnival, bit-tfal jiġru fl-isqaq, jilagħbu l-bullun taċ-ċarruta u jħabbtuh mal-bibien u t-twieqi ta' kulħadd. Ġieli

kissru l-ħġieġ tal-ġirien. Imma llum ma jinpurtax. Illum il-Karnival. F'xi ħin jasal ir-raħħal, bejjiegħ il-ħalib, bil-mogħoż, jaħleb il-ħalib għall-familji. Il-Ħajbu joħroġ idur mal-mogħoż forsi jdabbar ftit ħalib frisk. Bejn il-logħob tat-tfal u bejn xi qoxra ta' larinġa jew banana ma' l-art, il-Ħajbu żelaq u ġie bilqiegħda fl-art, sewwa sew bejn żewġ mogħżiet. L-imsejken Ħajbu ma setax iqum mill-art. It-tfal inġabru dawra mejt miegħu, jsaffru u jwerżqu. Il-ġirien ħarġu bi ħġarhom; min jitħassru, u min jidħak. Hekk kif, bil-mod il-mod, il-Ħajbu qam mill-art, u lemaħ lir-raħħal jidħak bih u jżomm żaqqu bid-daħk, waddablu l-bott vojt tal-ħalib li kellu f'idu. Ir-raħħal warrab rasu minn-ofs, u l-bott ħabat eżatt ma' ras mogħża. Bid-daqqa, il-mogħża intelqet storduta ma' l-art. Ir-raħħal, irrabjat li l-mogħża, bil-qatgħa li ħadet, mhux se tkun tajba iżjed għall-ħalib, imma biss għall-qatla, beda jħaqqaqha mal-Ħajbu fuq it-telf ta' flus. Il-qiegħa saħnet sew bejniethom u l-ispettaturi, tfal u kbar, f'daqqa waħda għebu minn ġo l-isqaq. Ir-raħħal għamel rapport l-Għassa. Is-Surġent malajr bagħat puluzija biex jara b'għajnejh u jkellem lill-ħati f'dak il-każ. Il-Ħajbu farfar mir-responsabbilta' billi wieġeb lill-puluzija li hu l-bott kien tefgħu għal ras ir-raħħal, talli kien qed jiżżuffjetta bih, u mhux biex jolqot lill-mogħża. Il-puluzija ma basarx li l-Ħajbu kien jaf jiddefendi ruħu daqshekk tajjeb; mejjel rasu u telaq lejn l-Għassa. Baxx baxx, is-Surġent għamel rapport fuq dak li ġara lill-Uffiċjal tad-dar ta' l-Ingieret, jirrakkomandalu li l-Ħajbu jinġabar hemm ġew għal kollox.

---

**APPREZZAMENT**

# MARIA ROSARIA PISANI

Fid-9 ta' Diċembru, 2006 morna l-knisja parrokkjali Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, l-Belt, biex nattendu għall-quddiesa u l-funeral ta' Maria Rosaria Pisani li, sakemm mietet, kienet għada fil-kariga ta' President ta' l-Għaqda Maltija tal-Folklor Ms. Pisani kienet l-aħħar traċċa ħajja għall-memorja ta' missiera, Lazzaro Pisani (1854-1932), pittur prolifiku magħruf għall-għadd kbir ta' xogħolijiet f'Malta u Għawdex. Kienet ħerqana taħdem għall-memorja tiegħu u f'dawn l-aħħar snin kienet għadha tistinka biex tiġbor kemm jista' jkun informazzjoni fuq ix-xogħlijiet tiegħu bil-ħsieb li tippubblika monografija fuqu. Kienet dejjem attiva f'diversi għaqdiet kulturali u sirt nafha aktar meta fis-snin sebgħin daħlet fil-kumitat ta' l-Għaqda tagħna li għalih kienet tattendi bil-ħerqa u turi interess fl-attivitajiet kollha sakemm laħqet viċi-president ta' l-istess għaqda u riċentement ukoll president. Maria Rosaria kienet ukoll pjanista u attriċi, imma aktar kellha tokkupa l-ħin torganizza attivitajiet kulturali għad-diversi għaqdiet u tipparteċipa fihom. Fost dawn l-organizzazzjonijiet kellha wkoll l-Istitut Kulturali Malti, kif ukoll dak Taljan, u l-ieħor Ġermaniż. Fost l-attivitajiet li kienet torganizza kien hemm *radioplays*, kunċerti, laqgħat ta' l-arti, letteratura, u qari ta' poeżija. Kienet tikkollabora ma' artisti u awturi u, fost l-oħrajn, qalbet għall-Malti opri, drammi u poeżiji tan-nutar V.M. Pellegrini. Kienet ukoll tiddisinja l-kostumi għall-palk. Iddedikat il-ħajja twila tagħha għall-kultura mingħajr ftaħir u mingħajr ma stenniet ringrazzjamenti. In-nuqqas tagħha jinħass minn min kien jafha mill-qrib, l-aktar fl-ambjent kulturali. Nibqgħu niftakru fiha bi gratitudni.

**Guido Lanfranco**



**Maria R. Pisani**